Il-Huttafa

numru 127

21 sena 1994-2015

Marzu - April 2015

Gamiema

€2 ghal min mhux membru

BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Huttaf

Klabb Huttaf

Victor Falzon

Il-Peprin jiġbed l-għajn mhux biss għax huwa aħmar nar imma wkoll għax fejn tara waħda spiss tara mitt elf oħra!

Ħej Ħuttaf...

Ir-referendum tlifnieh, imma b'daqshekk il-kaċċaturi xorta ma ħadux ir-raġun. Għaliex? Għax li toqtol l-għasafar għall-gost bla sens kien u bla sens jibqa'. Kif tafu, min jaħqar lil min hu iżgħar minnu ngħidulu *bully*. U l-*bullies* min iħobbhom?

Ir-referendum tlifnieh, imma fl-istess ħin kellna rebħa oħra. Mis-sapport li sibna tgħallimna kemm għexieren ta' eluf ta' Maltin għandhom għal qalbhom l-għasafar u n-natura. Prosit, bil-mod il-mod qed insiru pajjiż ċivilizzat! Baqgħalna x'naqdfu, imma jidher li ftit ftit qed naslu.

Per eżempju ħadt gost nara fit-toroq dawk it-tabelli ġodda biex iwissu lis-sewwieqa joqogħdu attenti ma jtajrux qniefed (araw ukoll paġna 2). Affarijiet bħal dawn jagħmlu l-qalb lilna li nħobbu n-natura għax juru li hemm min nefaq flusu mhux biss għall-bżonnijiet tal-bniedem imma anke għall-bżonnijiet tan-natura.

Kellu bżonn naraw iktar proġetti bħal dawn, mhux dejjem proġetti biex jaqdu lin-nies biss. Tajjeb niftakru li f'pajjiżna mhux nies biss jgħixu imma ħafna pjanti u annimali li għandhom bżonn il-ħabitati tagħhom ukoll.



Victor Falzon

Victor

Victor Falzon
L-Editur

Ma' din il-ħarġa, *Il-Ħuttafa* għalqet **21 sena** minn meta bdiet toħroġ. Inbidlet mhux ħażin matul is-snin, imma f'ħaġa waħda ma nbidlitx żgur: minn dejjem ippruvat tgħallem lill-qarrejja jħobbu u jirrispettaw in-natura. Irnexxielha tgħid?

Mal-faċċata

Il-**Gamiema** (Turtle Dove) tpassi minn pajjiżna fir-rebbiegħa u fil-ħarifa. Xi par 'l hawn u 'l hemm kultant ibejtu imma rari jirnexxielhom għax jinqatlu mill-kaċċaturi. Dari l-Gamiema kienet komuni sew imma llum naqset ħafna u għalhekk jixirqilha protezzjoni tajba. Ritratt ta' Denis Cachia.

Kontenut

Editorjal 2
Aħbarijiet 3
Ambjenti u Residenti 4-5
Attività 6
Intervista mal-Ħabb il-Qamħ 6
Iżuruna fir-rebbiegħa 7
Tista' tgħidli? 8
Arti u ritratti 8
X'nista nara tgħid? 9
Periklu moħbi 9
Il-Buskett u l-Girgenti 10-11

Kumitati

Ċentrali

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Victor Falzon

Falko

Nicholas Galea • Timothy Micallef

Kordinazzjoni mill-uffiċju

Hannah Chisholm • Sofía García

Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa, u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru u s-sħubija hija €10 fis-sena.

BirdLife MALTA

Kuntatt

indirizz
BirdLife Malta
Flats 1-2 Xemxija Waterfront Apartments
It-Telgħa tax-Xemxija
Ix-Xemxija SPB 9025
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
il-huttafa@birdlifemalta.org
websajt **www.birdlifemalta.org**

Reg.Vol.Org. VO/0052

©BirdLife Malta, April 2015
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

Victor Falzon

Walk for Nature 2015

Nhar il-Ħadd 15 ta' Marzu 2015 iltaqgħu 106 membri, familji u ħbieb ta' Klabb Ħuttaf, kif ukoll studenti u għalliema minn xi skejjel. Iltaqgħu quddiem il-Mużew tal-Ferrovija ħdejn l-Imdina, u minn hemm bdew il-Mixja Maratona. Kien temp perfett għall-mixi u s-serbut twil ta' nies ma damx ma wasal Id-Dwejra fejn kulħadd straħ ftit. Imbagħad komplew, għaddew miż-Żebbiegħ u qasmu għal San Martin, fejn waqfu mill-ġdid u l-Leaders tal-Klabb qassmu mandolin lil kulħadd. Imbagħad qabdu mixjin l-aħħar tappa, u għal xi 12.30pm waslu x-Xemxija sewwasew ħdejn ir-riserva naturali tas-Simar, fejn xi Leaders oħrajn kienu lestew xi attivitajiet biex il-membri jieħdu sehem fihom. Fl-aħħar ingħatat pin badge lil kull min ġabar xi flus bħala grazzi u tifkira tal-okkażjoni.

Desirée Falzon

Fir-ritratt tidher Giulia Debattista Montalto (xellug) qed tingħata *field guide* tal-għasafar u tromba mingħand Leader Sivie Cauchi bħala rigal talli għamlet l-ikbar ġabra (€138). Il-ġabra totali kienet ta' **€525.70**.

Bil-flus li nġabru f'din il-mixja ħa nagħmlu bird tables u nqassmuhom fl-iskejjel. B'hekk indaħħlu iktar id-drawwa li n-nies jitimgħu l-għasafar fix-xitwa.

Rarissma

Din **Orkida tal-Farfett** (Butterfly Orchid *Anacamptis papilionacea*), fjura rarissma f'Malta. Sa ftit snin ilu lanqas biss konna nafu li teżisti f'Malta. Kien hemm biss xi rekords qodma minn ġnien botaniku. Imma reġgħet instabet tikber, u kmieni dir-rebbiegħa nstabet pjanta waħda b'żewġ fjuri (kif taraw fir-ritratt), fix-xagħra ta' Pembroke. Hija fjura vera sabiħa, ħasra li kieku kellna nerġgħu nitilfuha.

Idea tajba

Naħseb ħafna minnkom rajtu dawn it-tabella ġodda f'xi triq jew oħra. Ħafna **qniefed** jittajru mill-karozzi waqt li jkunu qed jaqsmu xi triq fil-kampanja bil-lejl. Għalhekk din it-tabella tavża lis-sewwieqa biex isuqu bil-mod ħalli jekk qanfud ikun qed jaqsam triq fid-dlam is-sewwieq jilħaq jarah u ma jtajrux. Prosit lin-Nature Trust ta' din l-idea. Bis-saħħa ta' dawn it-tabelli nisperaw li ħafna qniefed isalvaw.

Bħall-mammiferi l-oħrajn kważi kollha, il-**Qanfud** (Algerian Hedgehog *Atelerix algirus*) huwa protett f'Malta.

Joe Sultana

Desirée Falzon

Victor Falzon

Aħħ kemm jidher tajjeb dal-frott. Mank kont għasfur ħalli niffanga fih.

Aħjar toqgħod attent għax titfaċċa bufula u tiffanga fik!

Il-**pajżana** tniggeż u tixxeblek. Fil-ħarifa u x-xitwa tagħmel frott li ħafna għasafar jikluh, speċjalment meta jiksaħ it-temp u ma jsibux insetti.

Victor Falzon

Il-**ħarruba** siġra tipika tal-makkja. Dari kienet titħawwel ħafna għax l-għeruq tagħha jaqsmu l-blat, il-weraq isir terriċċju u bil-frott jagħlfu l-bhejjem. Ħasra li llum ma napprezzawx dis-siġra tant tipika tal-kampanja tagħna.

Victor Falzon

Għalkemm jisimha **brimba tal-pal tal-bajtar**, spiss tibni l-għanqbuta tagħha qalb friegħi ta' arbuxelli folti bħad-deru. Faċli tagħrafha dil-għanqbuta għax ikollha ħafna saffi kkumplikati.

Denis Cachia

Il-**bufula passajra** tinduna biha għax tisma' *Ċċkk!* minn ġo arbuxell. Dawn l-għasafar jieqfu Malta waqt il-passa ħalli jistrieħu ftit u jieklu l-frott tal-makkja. Ir-raġel ikollu sidru lewn is-sadid.

Victor Falzon

Il-**kamaleonti** jistaħba qalb il-weraq folt tal-arbuxelli tal-makkja. Iqabbel lewn il-ġilda ma' tal-weraq, u jaħtaf insetti kif ipoġġu fuq fjura ta' xi arbuxell.

Is-**serp iswed** huwa l-iktar serp komuni f'Malta. Għalkemm bla saqajn jaf jixxabbat sew mal-friegħi tal-arbuxelli, u meta jsib bejtiet tal-buful jisirqilhom il-bajd jew il-frieħ.

Puu għalih kemm hu kattiv!

Għandek żball! Mela s-serp mhux ukoll irid jiekol jew? Bħall-annimali kollha, jiekol għax jaqbdu l-ġuħ mhux għax kattiv.

Victor Falzon

Ambjenti u Residenti

Makkja

Desirée Falzon

Aron Tanti

Il-**kaċċamendula** mhix komuni imma jekk ikun hemm waħda fil-viċin għandek taraha għax tħobb titperreċ fil-quċċata tal-arbuxelli. Minn hemm toqgħod tgħarrex għall-insetti, li taqbadhom b'dak il-munqar oħxon u b'saħħtu.

Mill-bogħod id-**deru** jixbaħ ħarruba imma għandu weraq żgħar u ovali. Fil-ħarifa jimtela frott irqiq aħmar li jipprovdi ikel għal ħafna għasafar. Fir-rebbiegħa l-bufula sewda kultant tbejjet fih.

Desirée Falzon

Il-makkja hija ħabitat skars li f'Malta ssibu l-iktar mal-ġnub ta' xi widien nixfin. Fih jikbru l-iktar arbuxelli kbar bħal deru, ħarrub, alaternu u riħan. Dawn tant jikbru folti f'xulxin li medda makkja matura ma jirnexxilekx tgħaddi minnha. Dawn l-arbuxelli kapaċi jgħixu f'ħamrija baxxa li ma żżommx ħafna ilma. Għalhekk għandhom għeruq b'saħħithom li jistgħu jinżlu fix-xquq bejn il-blat. Ħafna mill-arbuxelli tal-makkja jagħmlu frott żgħir li l-għasafar jiġġennu għalih. Fir-ritratt tidher medda makkja fl-inħawi ta' San Martin (ħdejn il-Wardija).

Jekk tfittex maz-zkuk tal-arbuxelli spiss issib bejtiet taż-**żunżan tax-xehda żgħira**. Fil-makkja ż-żnażan isibu njam x'ġerrmu għall-bini tal-bejta, polin għall-ikel u kenn fl-arbuxelli.

Victor Falzon

Desirée Falzon

Attività

Niżlin sa Wied il-Luq

Issa li bdiet is-sħana, it-temp ma tantx jibqa' jħajjarna noħorġu jekk mhux sa xatt il-baħar! Imma post bħal Wied il-Luq fil-qalba tal-Buskett jibqa' sabiħ għax is-siġar kbar iżommu l-frisk. Għalhekk se ninżlu waħda s'hemm ħalli naraw x'toffri n-natura ta' dan il-wied uniku f'Malta.

U kif inkunu hemm għandu mnejn ninzertaw ftit **bird ringing**. Titilfuhiex.

Għaliex wied uniku?

Mur paġni 10-11 u tkun taf.

Bird ringing x'jaħbat?

Huwa studju tal-għasafar bl-użu taċ-ċrieket. Jekk trid tkun taf iktar, mur il-ħarġa!

Data
Is-Sibt 16 Mejju 2015
Niltaqgħu
Taħt it-Tinda @ 2.00pm
Nispiċċaw
Xi 4.30pm–5.00pm
Merħba
***Membri kollha + familji**
Avżawna
Jekk tkunu ġejjin avżawna b'imejl qasira lil il-huttafa@birdlifemalta.org
Prezz **Xejn!**

*Tfal taħt it-8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir.

It-Tajra Safra (Golden Oriole) hija ġhasfur li forsi naraw. Il-Buskett hemm hafna siġar tan-naspli - frott li dan l-ġhasfur taqaġhlu żaqqu ġhalih!

Aron Tanti

Dakinhar inqassmu l-istiker Numru 3.

I ♥ Klabb Ħuttaf

Intervista ma' fjura

Aron Tanti

Bonġu, fjura sabiħa!
Bonġu, grazzi tal-kumpliment.

Għaliex jismek Ħabb il-Qamħ?
Għax jien l-iktar li tarani nikber f'xi għalqa qamħ.

Dan li għandek madwarek qamħ?
Le mhuwiex. Hawn taħlita imma lkoll huma kuġini tal-qamħ: ħafur, nixxief, skalora u barrum.

Inti fl-għelieqi biss tikber?
L-iktar f'għelieqi li jkunu tqallbu imma spiss issibni anke fi steppa u raba' mitluq.

U min isaqqik?
X'taħseb? Ix-xita, hux.

Imm'issa daqshekk xita hux.
Hekk hu, imma fix-xitwa għamlet biżżejjed xita biex kbirt u ftaħt il-fjuri. U l-ħamrija għadha ftit niedja għax mgħottija bil-ħaxix.

U fis-sajf?
Fis-sajf innixxef il-parti ta' fuq u tibqa' biss speċi ta' basla taħt il-ħamrija. Fix-xitwa nerġa' nibda ntella' weraq ġdid.

U kollox jirrepeti ruħu?
Hekk hu, in-natura mimlija ċikli.

Tajjeb, serraħtli moħħi. Saħħa.
Saħħa lilek, u tinkwetax. Ir-rebbiegħa li ġejja nerġa' narak.

Iżuruna fir-rebbiegħa

L-iktar li naraw għasafar f'Malta huwa fi żmien il-passa. Jgħaddu iktar minn 110 speċi ta' għasafar, uħud kbar u oħrajn żgħar. Dawn huma ftit mill-għasafar żgħar li fir-rebbiegħa jagħmlu l-kampanja iktar interessanti u eċitanti għal min iħobb in-natura.

Buċaqq tas-Silla

Żanżarell tal-Kullar

Żanżarell Iswed

Bufula Passajra

Vjolin Ħadrani

Diżż

Isfar

Ħuttafa

Kuda

Minħabba li dawn għasafar żgħar, dejjem jaqbel ikollok **tromba** ħalli tkun tista' tarahom sew. It-tromba hija għodda importanti għall-berdwoċer. Għodda oħra tajba hija **gajd tal-għasafar**. Gajd (jew *field guide*) ikun ktieb li jagħtik stampa u dettalji fuq kull għasfur li tista' tinzerta.

Dik il-membru li ġabret l-iktar flus għall-mixja ta' Marzu fil-fatt rebħet tromba u gajd tal-għasafar.

Il-kaxxi bojod għalfejn qegħdin tgħid?

Ovvja! Biex jekk l-għasfur tarah tagħmel marka fihom.

Ritratti kollha ta' **Aron Tanti,** ħlief il-Bufula Passajra (ta' **Nick Galea**) u ż-Żanżarell tal-Kullar (ta' **Victor Falzon**)

Tista' tgħidli?

Rokna ġdida li fiha nwieġbu mistoqsijiet u misteri mistifikanti li tibagħtulna intom il-membri.

Għażiża Ħuttafa,
Il-bierah ħadt dan ir-ritratt ta' dan l-ġhasfur li kien qed itir fuq rasna. Jekk jogħġbok din ħuttafa? Grazzi.

Matthew Caruana 11
L-Iklin

Ġħażiż Matthew,
Dak Rundun (common swift) mhux Ħuttafa. Mad-daqqa t'ġħajn jixxiebħu ftit ġħax it-tnejn ġwinħajhom twal u bil-ponta, u t-tnejn ġħandhom denbhom mifruq fi tnejn. Imma r-Rundun ikun ikbar, ġwinħajh ħafna itwal, denbu qasir u jkun kollu skur, filwaqt li aħna l-Ħuttaf (barn swallow) ikollna sidirna ċar. Prosit tar-ritratt, mhux faċili tieħu ritratt ta' Rundun daqs kemm hu żvelt.

Ħuttafa

Sur Editur,
Id-Daddy qalli li jekk kamaleonti joqgħod fuq l-aħmar imut, imma l-Mummy qaltli li mhux veru. Tista' tgħidli min ġħandu raġun? Grazzi.

Mia Abela 9
Naxxar

Ġħażiża Mia,
Dil-mistoqsija spiss jistaqsuhieli, u nixtieq naf dil-ħrafa min ivvintaha! Ġħandha raġun ommok, Mia, ġħax il-kamaleonti ma jiġrilu xejn jekk joqgħod fuq l-aħmar. La ħa jsir aħmar u lanqas mhu ħa jmut.

L-Editur

Ġħażiż Editur,
Jekk jogħġbok tista' tgħidli x'inhu dan l-insett? Grazzi.

Shanaya Ellul 11
Naxxar

Ġħażiża Shanaya,
Dik jgħidulha Ħadranija tal-Fjuri, ħanfusa komuni li taraha fuq il-fjuri, speċjalment il-Lellux. L-isem xjentifiku tagħha huwa *Psilothrix viridicoeruleus*.

L-Editur

Arti u ritratti

Ħobbejża tal-Warda Kbira - Francesco Tanti 7

Gawwija - Martina Casolani 11

Kapinera - Mikela Casolani 8

Iktbu lill-Editur fuq
il-huttafa@birdlifemalta.org

X'nista' nara tgħid?

Jason Aloisio

Żanżarell Iswed Pied Flycatcher *Ficedula hypoleuca*

Iż-Żanżarell Iswed jidher l-aktar fir-rebbiegħa. Hu wieħed mit-tliet tipi ta' żanżarelli li l-aktar għandek ċans tiltaqa' magħhom fil-kampanja tagħna fi żmien il-passa. Isimhom ġej mill-kelma Taljana *zanzara* li tfisser nemusa, peress li dawn l-għasafar jieklu nemus u insetti oħra. Iż-Żanżarell Iswed issibu l-aktar f'postijiet bis-siġar, minn imsaġar sa ġonna. Jintefa' fuq xi fergħa jgħasses madwaru, biex hekk kif jara xi insett itir fil-qrib, jinqala' minn fejn ikun wieqaf u jaqbdu fl-arja. Hemm tip ieħor ta' żanżarell, imsejjaħ Żanżarell tal-Kullar, li jingħaraf miż-Żanżarell Iswed għax għandu bħal kullar abjad madwar għonqu (ara paġna 7). In-nisa taż-żewġ għasafar jixxiebħu ħafna u diffiċli tagħrafhom minn xulxin.

Victor Falzon

Desirée Falzon

Periklu moħbi...

Rajtuha? Moħbija taħt tinda li bniet minn żewġ petali ta' fjura tal-lellux, Brimba tal-Fjuri tgħasses u tistenna insett żgħir ipoġġi fuq il-fjura biex mingħalih jieħu xarba nektar tal-fjuri. U kif jinżel toħroġ għalih bħal għafrid, u taħtfu bejn dirgħajha...

Aron Tanti

Natura 2000
Natura mħarsa

Elisabeth Conrad

Il-Buskett u l-Girgenti

Illum se nitkellmu dwar il-Buskett, post li fost is-siti Natura 2000 Malta huwa forsi l-iktar magħruf man-nies.

Fejn qiegħed?

Il-Buskett qiegħed ħdejn Ħad-Dingli.

Il-Buskett u l-inħawi tal-Girgenti li wkoll jiffurmaw parti minn dan is-sit Natura 2000, jinstabu fl-inħawi tar-Rabat u ta' Ħad-Dingli. Dan wieħed mill-ftit postijiet f'Malta fejn insibu ambjent ta' bosk, u huwa fil-fatt mill-kelma Taljana *boschetto* li ġej l-isem Buskett. Il-Buskett huwa l-uniku bosk proprja (għalkemm kif rajna f'ħarġiet oħrajn, insibu wkoll f'xi bnadi fdalijiet ta' dawk li xi darba kienu boskijiet naturali).

Komplew ħawlu...

Il-Buskett mhuwiex ambjent kompletament naturali. X'aktarx li meta ġew il-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta kien hemm diġà xi tip ta' bosk Mediterranju jeżisti fl-inħawi tal-Buskett, imma l-Kavallieri komplew ħawlu ħafna siġar biex ikabbru l-bosk naturali li kien hemm, bl-iskop li jkollhom iktar art fejn jikkaċċjaw. Dan il-bosk 'artifiċjali' biż-żmien stabbilixxa ruħu u beda jirriġenera waħdu, mingħajr il-bżonn li jintervjeni l-bniedem, l-istess kif jirriġeneraw il-boskijiet naturali.

Wirt sinjur...

Minbarra li kabbru l-bosk, il-Kavallieri għamlu ħafna tibdil ieħor. Bnew il-Palazz Verdala u t-tliet irziezet magħrufin bħala r-Razzett tal-Bosk, ir-Razzett tal-Ispirtu u r-Razzett tal-Bagħal. Ħawlu wkoll ħafna siġar tal-laringġ u dwieli, u ħolqu sistema sofistikata ta' tisqija, li partijiet minnha għadhom hemm sal-lum, fl-hekk imsejħa Baħar ta' Fuq u Baħar t'Isfel. Il-Buskett huwa fost l-iktar wirt sinjur li ħallewlna l-Kavallieri.

Raymond Galea

Kull sena waqt il-passa jinżel jorqod il-kuċċard fis-siġar tal-Buskett

Victor Falzon

F'Wied l-Isqof (① fuq il-mappa) tikber is-**Safsafa ż-Żgħira**, siġra rari ħafna.

Aron Tanti

Laetiporus sulphureus - fungu rari li jikber fil-Buskett.



Victor Falzon



Post protett...

Illum-il ġurnata, il-Buskett huwa protett mhux biss bħala **Sit Natura 2000**, imma wkoll bħala **Sit ta' Importanza Ekoloġika**, **Sit ta' Importanza Xjentifika**, u **Post ta' Valur Għoli Pajsaġġistiku**. Huwa wkoll **Santwarju tal-Għasafar**, fejn kaċċa ma tistax issir, u ***Important Bird Area*** ta' valur Ewropew. Barra min hekk, kemm is-siġar tal-Buskett kif ukoll il-wirt kulturali li nsibu hawnhekk huma protetti.

Ħafna ambjenti...

Waħda mir-raġunijiet li nqisu dawn is-siti daqstant importanti hija d-diversità ta' ambjenti li nsibu fihom. Per eżempju, diġà semmejna l-**bosk** semi-naturali tal-Buskett, fejn jikbru siġar bħal **Ballut**, **Deru**, **Żnuber** u **Ħarrub**; dan il-bosk jipprovdi ambjent importanti ħafna għall-għasafar, inkluż dawk li jkunu qed ipassu, però huwa wkoll ambjent fejn insibu varjetà interessanti ta' insetti u fungi.

F'postijiet oħrajn insibu speċi li jikbru viċin l-ilma fil-**widien**, per eżempju s-**Safsafa l-Kbira**, is-**Safsafa ż-Żgħira**, il-**Luq** u l-**Fraxxnu**, ilkoll siġar li ma tantx huma komuni f'Malta. F'Għajn il-Kbira fil-Girgenti hemm **sors ta' ilma ħelu** s-sena kollha, fejn insibu speċi rari ħafna fil-Gżejjer Maltin u anke speċi li jinstabu hawnhekk biss. F'partijiet oħra nsibu xi **għerien**, bħall-Għar tal-Inkwiżitur. Dan huwa ambjent importanti għall-**friefet il-lejl**. Insibu wkoll meded ta' **xagħri** u ta' **makkja**, kif ukoll diversi speċi endemiċi ta' flora u fawna.

Hawnhekk stajna nagħtu biss titwila fuq fuq lejn dan is-sit Natura 2000, mhux biss għax huwa sit kbir imma wkoll għax tant huwa sit rikk u varjat. Ikollna bżonn ħarġa sħiħa tal-*Ħuttafa* biex nitkellmu fuq kull ma nsibu hawnhekk! L-aħjar mod biex issiru tafu dan il-post hu li tmorru t e s p l o r a w h intom stess.

Vespertin tal-Magreb
Maghrebian Bat

Victor Falzon

Din hija *hunting lodge* minn ta' żmien il-Kavallieri li hemm fil-Buskett. Inbniet fis-Seklu 16 u hija eqdem mill-Kastell Verdala.

Kathleen Mamo

Il-**familja** tal-BirdLife qed tikber!

Ħajjar lill-**familja** tiegħek issir **Membru Familja** fil-BirdLife.

Membru Familja fil-BirdLife

- tirċievi l-magażin *Il-Ħuttafa*
- tirċievi l-magażin *Bird's Eye View*
- tkun tista' tattendi ħafna attivitajiet oħrajn, anke barra minn Malta

Bħala Membru Familja, il-familja tiegħek kollha tkun qed tgħin lill-ikbar għaqda tan-natura f'Malta biex tkompli tiddefendi l-għasafar u l-ambjent naturali.

Grazzi!

Struzzjonijiet lill-ġenitur

Tista' tibdel il-kategorija minn Klabb Ħuttaf għal Family Membership onlajn billi

- Tidħol fil-websajt tal-BirdLife **www.birdlifemalta.org**
- Tikklikkja **Join/Renew**
- Timla d-dettalji fil-parti jisimha **Renew Local Membership***

***Fejn jitolbok Member ID ħu n-numru minn fuq il-label tal-envilop li fih waslitilkom Il-Ħuttafa.**